**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 3 ta' Mejju, 2017**

**Rikors nru: 97/2014 MLF**

**Korporazzjoni Enemalta u b'nota tat-8 ta' Jannar 2015, is-socjeta Enemalta plc assumiet l-atti ta' dawn il-proceduri minflok il-Korporazzjoni Enemalta u dan ai termini tal-Artikolu 3(2) tal-Kapitolu 536 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**vs**

**Victor Stellini u**
**Darren Fenech**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-Korporazzjoni Enemalta, ikkonfermat bil-gurament minn Eric Montfort (Karta tal-Identita Numru 270160M) bhala mandatarju specjali debitament awtorizzat, fejn espona:

Illi permezz ta' sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fis-26 ta' Settembru 2000 (Avviz Nru: 1291/99/SM) kif jidher mill-kopja tad-dokument anness u mmarkat bhala Dokument "A", l-esponenti giet kanonizzata kreditrici tal-intimati fis-somma ta' Lm 382.13 (tliet mija u tnejn u tmenin lira Maltin u tlettax-il centezmu) li llum huwa ekwivalenti ghal EUR 890.12 (tmien mija u disghin Ewro u tnax-il centezmu) rapprezentanti danni sofferti mill-Korporazzjoni attrici bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skond il-ligi;

Illi l-intimati ghadhom sallum ma hallsu xejn minn dan l-ammont minnhom dovut u l-esponenti ghandha interess illi tkompli tesegwixxi kontra l-intimati sabiex tottjeni l-hlas;

Illi minn dakinhar tas-sentenza sallum lahqu ghaddew hames (5) snin u ghaldaqstant l-imsemmija sentenza ma hiex aktar esegwibbli hlief bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti a tenur tal-artikolu 258(b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghalhekk l-esponenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti tigi mitluba tordna l-esekuzzjoni tal-imsemmija sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fis-26 ta' Settembru 2000 u dan a tenur tal-artikolu 258(b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-intimat gie debitament notifikat permezz tal-procedura kontemplata fl-Artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, izda dan nonostante huwa ma deherx ghas-seduta tal-5 ta' April, 2017 u lanqas ipprezenta risposta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti u d-dokumenti kollha ezebiti.

Ikkunsidrat:

Fis-seduta fuq imsemmija, xehdet Marisa Cassar, Senior Accounts Clerk fl-ufficcju legali tas-socjeta rikorrenti, u ikkonfermat bil-gurament li l-ammont kanonizzat favur il-Korporazzjoni Enemalta bis-sentenza tas-26 ta' Settembru 2000, moghtija minn din il-Qorti, diversament preseduta, ghadu kollu dovut, stante li l-intimati ma hallsu xejn mill-ammont minnhom dovut.

Din il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni ghalfejn tiddubita mill-veracita tax-xhieda ta' Marisa Cassar, li ma giet bl-ebda mod kontradetta.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta rikorrenti, u tawtorizzaha tezegwixxi t-titolu ezekuttiv lilha moghti bis-sentenza fl-ismijiet *"Korporazzjoni Enemalta vs Victor Stellini u Darren Fenech*" (Avviz numru 1291/99/SM), deciza minn din il-Qorti, diversament preseduta fis-26 ta' Settembru 2000, u dan ai termini ta' l-Arikolu 258(b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mill-intimati.

**Magistrat**

**Deputat Registratur**